# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 494

**Kaz Nru. 751**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Alexander Templeman
u
Asmoco Ltd.
dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 28 ta' April, 1993

**Chairman: Is-Sur Carmel Debono**

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 18 ta' Frar, 1993 Ref. ME/2/93 skond il-provedimenti ta' l-Artiklu 28(2) Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Appellant, is-Sur Alexander Templeman kien assistit mill-Avukat Gavin Gulia LL.D. waqt li l-Kumpanija kienet rappprezentata mis-sur Joseph Zammit, Direttur assistit mill-Avukat Robert Mangion LL.D.

Peress li fit-tieni seduta, l-parti appellata oggezzjonat li l-Appellant ma' kienx impjegat mal-Kumpanija kif citata bhala Asmoco Ltd, u ghalhekk ma' kienitx obligata li tittratta l-kaz, it-Tribunal talab lill-parti appellata tissostanja l-oggezzjoni taghha bil-miktub.

Fit-tielet seduta mizmuna l-Erbgha 28 ta' April, 1993 l-parti appellata pprovdiet dokument li juri li l-Appellant

.../2

kien impjegat ma' l-Associated Motors Company Ltd., u ghal-daqstant l-occhio kien skorrett.

Peress li l-parti appellata ma' kinietx disposta taccetta bonarjament korrezzjoni fl-occhio, it-Tribunal iddecieda li ma' setax jiehu konjizzjoni tal-kaz bla ebda pregudizzju li l-Appellant jirrinova t-talba biex il-kaz tieghu jig-riferit lit-Tribunal Industrijali bl-occhio kkorreggut u korrett qabel ma' jiskadi perjodu tal-preskrizzjoni.

Carmel Debono
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg